Nru. 17,765
Prezz Lm1.44c
Price Lm1.44c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2005
Tuesday, 10th May, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 467

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,764 tas-6 ta' Mejju, 2005.

A.L. Nru. 131 ta' l-2005: Att dwar ir-Rifuġjati (Kap. 420); Regolamenti ta' l-2005 dwar *Standards* Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati.

A.L. Nru. 132 ta' l-2005: Att dwar l-Enemalta (Kap. 272); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku.

A.L. Nru. 133 ta' l-2005: Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464); Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Ġbir ta' Drittijiet mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti.

L-10 ta' Mejju, 2005

Nru. 468

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ħadd, it-8 ta' Mejju, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-8 ta' Mejju, 2005
(OPM 1/2005)

GOVERNMENT NOTICES

No. 467

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,764 of the 6th May, 2005.

L.N. No. 131 of 2005: Refugees Act (Cap. 420); Temporary Protection for Displaced Persons (Minimum Standards) Regulations, 2005.

L.N. No. 132 of 2005: Enemalta Act (Cap. 272); Electricity Supply (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 133 of 2005: Health Care Professions Act (Cap. 464); Specialist Accreditation Committee (Fees) Regulations, 2005.

10th May, 2005

No. 468

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of the Prime Minister and Minister of Finance with effect from Sunday, 8th May, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

8th May, 2005

Nru. 469

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, fil-Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Cacciottolo	Direttur *Director*	Teżor *Treasury*	09-12.05.2005

L-10 ta' Mejju, 2005

No. 469

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (TREASURY)

THE Permanent Secretary, in the Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

10th May, 2005

Nru. 470

KUNSILL NAZZJONALI TA' L-ANZJANI

IL-KUNSILL Nazzjonali ta' l-Anzjani elett għas-snin 2005-2007 huwa kif ġej:-

President
Is-Sinjorina Helen Borg Bonnici

Segretarju
Is-Sur Lino Mizzi

Teżorier
Is-Sur Carmel Mallia

Segretarja Internazzjonali
Is-Sinjura Rose Sammut

Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi
Is-Sinjura Josephine Ebejer

Membri
Is-Sur Rokku Abdilla
Is-Sur Ġorġ Agius
Is-Sinjura Doris Attard
Is-Sur Alfred Bonnici
Is-Sinjorina Lina Bugeja
Is-Sur Nicholas Farrugia
Is-Sur Leone Fenech
Is-Sinjura Vittorina Mizzi
Is-Sur Maurice L. Petrocochino
Is-Sur Alfred Scerri

L-10 ta' Mejju, 2005

No. 470

NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY

THE National Council for the Elderly elected for the years 2005-2007 is as follows:-

President
Miss Helen Borg Bonnici

Secretary
Mr Lino Mizzi

Treasurer
Mr Carmel Mallia

International Secretary
Mrs Rose Sammut

Public Relations Officer
Mrs Josephine Ebejer

Members
Mr Rokku Abdilla
Mr Ġorġ Agius
Mrs Doris Attard
Mr Alfred Bonnici
Miss Lina Bugeja
Mr Nicholas Farrugia
Mr Leone Fenech
Mrs Vittorina Mizzi
Mr Maurice L. Petrocochino
Mr Alfred Scerri

10th May, 2005

Nru. 471

ATT WAR IL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL (KAP. 462)

Kunsill għat-Tfal – Membri Eletti b'Għażla

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 (2) ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal (Kap. 462), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Kunsill għat-Tfal eleġġa b'għażla l-persuni hawn imsemmija bħala membri tal-Kunsill għall-perijodi kif muri hawn taħt:

Sal-31 ta' Lulju 2005
Ms Annabelle Muscat
Is-Sur Mark Anthony Sammut
Ms Maria Seguna

Sat-18 ta' Jannar 2006
Ms Marian Muscat Azzopardi
Ms Marie Testa

Is-6 ta' Mejju, 2005

No. 471

COMMISSIONER FOR CHILDREN ACT (CAP. 462)

Council for Children – Co-opted Members

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 12 (2) of the Commissioner for Children Act (Cap. 462), and for the purpose of that Act, the Council for Children has co-opted the following members on the Council for the periods as show hereunder:

Up to 31st July 2005
Ms Annabelle Muscat
Mr Mark Anthony Sammut
Ms Maria Seguna

Up to 18th January 2006
Ms Marian Muscat Azzopardi
Ms Marie Testa

6th May, 2005

No. 472

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mal-Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern approva lill-persuna msemmija hawn taħt sabiex tkun nominata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:-

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Il-Munxar	Anthony Grech

L-10 ta' Mejju, 2005

Nru. 472

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council after consultation with the Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be re-appointed Executive Secretary of that Local Council:-

Local Council Locality	*Secretary*
Munxar	Anthony Grech

10th May, 2005

Nru. 473

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 473

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 157	Ivan Cilia	Body Art Beauty Products Triq il-Ħuttaf Mosta	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI – Social and personal services*	93.022 93.05	26.04.05
CD/3209/2005 Pt 155	Joseph Vella	Best Habit 44, Island Promenade Buġibba	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.25 52.24	17.04.05
CD/3209/2005 Pt 153	Guido Agius	Top Marks Boutique Triq Santa Marija Għaxaq	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	28.04.05
CD/3209/2005 Pt 152	Paul Camilleri	Europacific Traders Ltd 21 Level 5C De Tigné Complex Tigné Seafront Sliema	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	74.87	15.04.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 151	Daniel Agius	Taċ-Ċiċċa Horse Meat 279, Victory Street Qormi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.22	22.04.05
CD/3209/2005 Pt 150	Daniela Magri	Carpisa 108, Triq in-Naxxar Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	19.04.05
CD/3209/2005 Pt 146	Carmel Cassar	Art E 1, Triq il-Librerija Rabat, Gozo	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.48.13	14.04.05
CD/3209/2005 Pt 147	Dorianne Vassallo	Tune Dor 255, Triq il-Kbira Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43 52.48.13	16.04.05
CD/3209/2005 Pt 145	Monica Borain	Fifth Avenue 256, Triq il-Kbira Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44	20.04.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 126	Roderick Borg	St Andrew 199, Triq Tumas Chetcuti Attard	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.13	22.04.05
CD/3209/2005 Pt 156	Livia Vella	The Peach No. 3, Mintba Street Marsascala	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.41 52.42 52.43	27.04.05
CD/3209/2005 Pt 125	Carmelo Baldacchino	Ratinu Garage N/S Mastru George Cachia Ħandaq, Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	04.04.05
CD/3210/2005 Pt 4	Carmel Ellul	Friendly Confectionery 106, Triq il-Vitorja Senglea	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24 52.25	02.05.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

L-10 ta' Mejju, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

10th May, 2005

Nru. 474

PROSPETT

ĦRUĠ TA' Lm 25,000,000 5.7 FIL-MIJA
***STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2012**
(IT-TIELET ĦRUĠ)
FUNGIBILITY ISSUE

Awtorizzat skond l-Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru.II ta' l-2005) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161

1. OFFERTI

a) Offerti jiftħu l-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2005 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar, il-Ħamis, 19 ta' Mejju, 2005.

b) L-offerti għandhom ikunu ta' mhux inqas minn Lm 108.50 għal Lm 100 nominali.

ċ) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa ma jeċċedux il-Lm 250,000 jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' Lm 50,000 kull wieħed u multipli ta' Lm 1000. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafu (d).

d) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li jeċċedu Lm 250,000, iridu jkunu magħmulin offerti għal minimu u multipli ta' Lm 250,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafu (ċ)

e) Applikazzjonijiet li jsiru f'isem 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' jiġu biss aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bl-identità tal-klijenti rispettivi.

f) Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l- Offerti, it-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210.

ġ) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin ta' l-għeluq.

2. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*:

L-allokazzjoni ta' l-i*Stock* issir kif gej:

a) Offerti jiġu klassifikati mill-ogħla sa l-inqas prezz u l-i*Stock* jiġi allokat lill-applikanti li l-offerti tagħhom ikunu daqs jew iżjed mill-inqas prezz li l-*Accountant General* jiddeċiedi.

b) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata minn aktar min applikant wieħed isiru b'mod proporzjonat skond l-ammont ta' l-offerti.

No. 474

PROSPECTUS

ISSUE OF Lm 25,000,000 5.7 PER CENT MALTA GOVERNMENT STOCK 2012 (THIRD ISSUE) FUNGIBILITY ISSUE

Authorised under the Budget Measures Implementation Act, 2005 (Act No. II of 2005) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

1. BIDS

a) Bids open on Thursday, 12th May, 2005 at 8.30 a.m. and close at 12.00 noon on Thursday, 19th May, 2005.

b) Bids are to be made not less than Lm 108.50 per Lm 100 nominal.

c) Applications by any single applicant, which in the aggregate do not exceed Lm 250,000, shall be in the form of sealed bids for a minimum of Lm 50,000 each and multiples of Lm 1000. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraph (d).

d) Applications by any single applicant, which exceed Lm 250,000 shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of Lm 250,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraph (c).

e) Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by lists of their respective clients.

f) Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210

g) All applications will be irrevocable after closing time.

2. ALLOTMENT POLICY:

Allocation of Stock will be made in the following order:

a) Bids will be ranked in descending order of price and Stock will be allotted to applicants whose bids are at or above the lowest price at which the Accountant General decides.

b) Bids at the last rate accepted, by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids.

ċ) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skond l-aħħar rata aċċettata.

d) L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jalloka massimu ta' Lm 10,000,000 aktar f'każ li t-talba taqbeż l-ammont ta' *Stock* maħruġ.

3. ĦLAS TA' *DIVIDENDI* (MGĦAX)

a) Id-*dividend (*mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-30 ta' Marzu u fit-30 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*.

b) L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn il-25 ta' Mejju, 2005 u t-30 ta' Settembru, 2005 isir fit-30 ta' Settembru, 2005.

c) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skond kif indikat fuq il-formola ta' l-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

4. L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' l-*iStock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati ma' l-i*Stock* eżistenti.

5. FIDWA TA' STOCK: L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fit-30 ta' Settembru, 2012.

6. SIGURTÀ: L-*iStock* u d-*dividend* fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

7. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

a) Skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex l-i*Stock* ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

b) Fl-1 ta' Ottubru, 2005, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5.7% Stock tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

8. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA: L-Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l- 2005), l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161, u direttivi mill-Ministru tal-Finanzi taħt l-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur tal-investiment jista jitla' u/jew jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

L-10 ta' Mejju, 2005

c) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate.

d) The Accountant General reserves the right to exercise an over allotment option for an additional amount of Lm 10,000,000.

3. PAYMENT OF DIVIDENDS (INTEREST)

a) Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the 30th day of March and the 30th day of September during the tenure of the Stock.

b) The first pro-rata payment covering the period from the 25th May, 2005 to 30th September, 2005 will be made on the 30th September, 2005.

c) Payment of dividend (interest) will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

4. The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the existing Stock.

5. REDEMPTION OF STOCK: The Stock shall be redeemed at par on the 30th September, 2012 .

6. SECURITY: The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

7. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

a) Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

b) On the 1st October 2005, after the payment of the first dividend, this Stock will be integrated with the existing issue 5.7% Malta Government Stock 2012 (III) and shall thereafter both be deemed to be one Stock.

8. RELEVANT LEGISLATION: The Budget Measures Implementation Act, 2005 (Act No. II of 2005), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap.161, and directives by the Minister of Finance under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenure of the stock.

10th May, 2005

Nru. 475

PROSPETT

ĦRUĠ TA' Lm 15,000,000 5 FIL-MIJA
***STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2021**
(L-EWWEL ĦRUĠ)
FUNGIBILITY ISSUE

Awtorizzat skond l-Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2005) u l-Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161

1. APPLIKAZZJONIJIET

a) APPLIKAZZJONIJIET jiftħu l-Ħamis 12 ta' Mejju, 2005 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar il-Ħamis, 19 ta' Mejju, 2005, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

b) L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'multipli ta' Lm 100 fuq il-formola preskritta.

ċ) Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn u jiġu depożitati għand il-Membri kollha tal-Borża ta' Malta u Proveditur ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati.

d) Applikazzjonijiet, minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien, li ma jeċċedux Lm 50,000 kull persuna jkunu lira bl-lira. L-applikanti f'din il-kategorija ma jistgħux jagħmlu wkoll offerti taħt il-paragrafi (e) u (f) hawn aktar 'l isfel.

e) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm 50,000, imma ma jeċċedux il-Lm 250,000 jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' Lm 50,100 kull wieħed. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il- paragrafi (d) u (f).

f) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm 250,000, għandhom ikunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta' Lm 250,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafi (d) u (e).

ġ) Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti t-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210.

h) Applikazzjonijiet li jsiru minn minuri jiġu biss aċċettati jekk dawn ikunu iffirmati minn persuni li jkunu ġenituri, tuturi jew kuraturi tagħhom.

No. 475

PROSPECTUS

ISSUE OF Lm15,000,000 5 PER CENT MALTA GOVERNMENT STOCK 2021 (FIRST ISSUE) FUNGIBILITY ISSUE

Authorised under the Budget Measures Implementation Act, 2005 (Act No. II of 2005) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

1. APPLICATIONS

a) Applications open on Thursday 12 th May 2005 at 8.30 a.m. and close at 12.00 noon on Thursday 19th May, 2005 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b) All applications are to be made in multiples of Lm100 on the prescribed form.

c) Application forms may be obtained from, and lodged at, all Members of the Malta Stock Exchange and other authorised Investment Services Providers.

d) Applications by any single and/or joint applicants, which in the aggregate must not exceed Lm50,000 per person, shall be at par. Applicants under this category are precluded from bidding also under paragraphs (e) and (f) below.

e) Applications by any single applicant, which in the aggregate are over Lm 50,000, but do not exceed Lm250,000, shall be in the form of sealed bids for a minimum of Lm50,100 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (f).

f) Applications by any single applicant, which in the aggregate exceed Lm 250,000 shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of Lm 250,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (e).

g) Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210.

h) Applications by minors will only be accepted if signed by a legal guardian.

i) Applikazzjonijiet li jsiru f'isem 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' jiġu biss aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bl-identità tal-klijenti rispettivi tagħhom.

j) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin ta' l-għeluq.

2. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*:

L- allokazzjoni ta' l-i*Stock* issir kif gej:

a) L-Offerti jiġu kkunsidrati wara li l-applikazzjonijiet li jkunu saru Lm 100 b' Lm 100 jkunu ġew eżawriti.

b) F'każ li d-domanda għall-i*Stock* taħt paragrafu (1d) tkun aktar milli jkun hemm, l-allokazjoni ta' l-i*Stock* fost l-applikanti kollha f'dik il-kategorija ssir b'mod proporzjonat skond l-għadd ta' applikazzjonijiet li jkunu saru.

ċ) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata minn aktar minn applikant wieħed ssir b'mod proporzjonat skond l-ammont tal-offerti.

d) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skond l-aħħar rata aċċettata.

e) L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jalloka sa massimu ta' Lm 10,000,000 aktar f'każ li t-talba taqbeż l-ammont ta' *Stock* maħruġ.

Ħlas b'lura ta' applikazzjonijiet, li ma jiġux allokati għal kollox, isir qabel il-ħruġ tal-Parir ta' Reġistrazzjoni. Dak il-ħlas lura jsir bi kreditu dirett fil-kont li hemm indikat għal ħlas ta' l-imgħax.

3. ĦLAS TA' *DIVIDENDI* (MGĦAX)

a) Id-*dividend (*mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-8 ta' Frar u fit-8 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*.

b) L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn il-25 ta' Mejju, 2005 u t-8 ta' Awissu, 2005 isir fit-8 ta' Awissu, 2005.

ċ) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skond kif indikat fuq il-formola ta' l-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

d) F'każijiet meta *Stock* ikun reġistrat fl-ismijiet ta' żewġ persuni jew iżjed bħala kodetenturi ta' *Stock,* il-ħlas isir lill-persuna li isimha jkun jidher l-ewwel fir-reġistru.

4. L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' l-*iStock* preżenti fi *tranches*

i) Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by lists of their respective clients.

j) All applications will be irrevocable after closing time.

2. ALLOTMENT POLICY:

Allocation of Stock will be made in the following order:

a) Applications by auction will be considered after applications at par are exhausted.

b) In the case of over-subscription by applicants under paragraph (1d), allotment will be effected proportionately to the amount of the applications made.

c) Bids at the last rate accepted, by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids.

d) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate.

e) The Accountant General reserves the right to exercise an over allotment option for an additional amount of Lm 10,000,000.

Refunds of applications, which are not wholly allotted, will be effected before the issue of the relevant Registration Advices. Such refunds will be paid by direct credit in the account indicated for the payment of dividends.

3. PAYMENT OF DIVIDENDS (INTEREST)

a) Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the 8th day of February and the 8th day of August during the tenure of the Stock.

b) The first pro-rata payment covering the period from the 25th May 2005 to the 8th August will be made on the 8th August 2005.

c) Payment of dividend (interest) will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

d) In cases where Stock is registered in the name of two or more persons as joint stockholders, payment will be made to the person whose name appears first in the register.

4. The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further

oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati ma' l-i*Stock* eżistenti.

5. FIDWA TA' STOCK:

L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fit-8 ta' Awissu, 2021.

6. SIGURTA' : L-*iStock* u d-*dividend* fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

7. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

a) Skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap.345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex l-i*Stock* ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

b) Fid-9 ta' Awissu, 2005, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax, dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

8. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA: L-Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2005), l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161, u direttivi mill-Ministru tal-Finanzi taħt l-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat)

Nota: Il-valur tal-investiment jista jitla' kif ukoll jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

L-10 ta' Mejju, 2005

5. REDEMPTION OF STOCK:

The Stock shall be redeemed at par on the 8th August, 2021.

6. SECURITY: The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

7. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

a) Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

b) On the 9th August 2005, after the payment of the first dividend, this Stock will be integrated with the existing issue 5% Malta Government Stock 2021 and shall thereafter both be deemed to be one Stock.

8. RELEVANT LEGISLATION: The Budget Measures Implementation Act, 2005 (Act No. II of 2005), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap.161, and directives by the Minister of Finance under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenure of the stock.

10th May, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 34

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Mejju 2005 bejn il-5.00 p.m. u s-7.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Misraħ Suffara, G.

POLICE NOTICE

No. 34

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Dingli

On Sunday, 29th May 2005 between 5.00 p.m. and 7.30 p.m. through the following streets: il-Knisja, Misraħ Suffara,

Ellul Mercer, W. Reid, il-Ħemda, Claudette Agius, C. Bugeja, Ċensa Spiteri u l-Parroċċa.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Mejju, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 35

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Tarxien

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Mejju 2005, mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Ħal Tarxien kantuniera ma' Triq San Ġużepp, Triq Paola, Misraħ is-Suq sa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Mejju 2005, mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Palma kantuniera ma' Triq Lorenzo Gonzi u Triq Sqajjaq.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Mejju 2005, mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Ħal Tarxien kantuniera ma' Triq San Ġużepp, Triq Paola, Misraħ is-Suq sa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Mejju 2005, mill-10.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Ħal Tarxien kantuniera ma' Triq San Ġużepp, Triq Paola, Misraħ is-Suq sa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Mejju 2005, mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja Parrokkjali, Misraħ is-Suq, Paola, is-Sorijiet, Sammat, San Ġużepp, Ħal Tarxien, Santa Marija, il-Kbira lura għall-Knisja Parrokkjali.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Mejju, 2005

G. Ellul Mercer, W. Reid, il-Ħemda, Claudette Agius, C. Bugeja, Ċensa Spiteri and il-Parroċċa.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

10th May, 2005

POLICE NOTICE

No. 35

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned is prohibited on the dates and times indicated.

Tarxien

On Friday, 27th May 2005, from 6.00 p.m. onwards through Triq Ħal Tarxien corner with Triq San Ġużepp, Triq Paola, Misraħ is-Suq up to Parish Church.

On Saturday, 28th May 2005, from 5.00 p.m. onwards through Triq Palma corner with Triq Lorenzo Gonzi and Triq Sqajjaq.

On Saturday, 28th May 2005, from 6.00 p.m. onwards through Triq Ħal Tarxien corner with Triq San Ġużepp, Triq Paola, Misraħ is-Suq up to Parish Church.

On Sunday, 29th May 2005, from 10.00 a.m. onwards through Triq Ħal Tarxien corner with Triq San Ġużepp, Triq Paola, Misraħ is-Suq up to Parish Church.

On Sunday, 29th May 2005, from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Parish Church, Misraħ is-Suq, Paola, is-Sorijiet, Sammat, San Ġużepp, Ħal Tarxien, Santa Marija, il-Kbira back to Parish Church.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

10th May, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Radjografu (Terapija) għandu salarju ta' Lm4,889 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,801 (Skala Nru 12). Il-persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) fi Skala 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) li għandha xi *degree* rikonoxxuta fit-*Therapeutic Radiography* titqieghed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata titla' fi Skala Nru. 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) wara sentejn servizz bħala Radjografu (Terapija) gradwat. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) wara sentejn servizz fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jinkludu:

a) thaddim u żamma f'kundizzjoni tajba tat-tagħmir relatat ma' Radjoterapija u proċeduri ta' l-ippjanar;

b) assigurazzjoni u għotja ta' parir lill-pazjenti waqt il-kura tagħhom;

ċ) sorveljanza tal-*filing* u ċ-ċaqliq ta' *records* u dokumenti ta' pazjenti u ta' tagħmir.

d) tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division within the Ministry of Health, The Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division.

2.1. The post of Radiographer (Therapy) carries a salary of Lm4,889 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,801 (Scale No 12). A Radiographer (Therapy) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Therapy) in Scale 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) on completion of five years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Therapy) in possession of a recognised degree in Therapeutic Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Radiographer (Therapy) will progress to Salary Scale 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) on completion of two years service as graduate Radiographer (Therapy). A graduate Radiographer (Therapy) will be promoted to Senior Radiographer (Therapy) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Therapy), subject to satisfactory performance.

2.3. Appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Radiographer (Therapy) include:

a) operation and maintenance of equipment related to Radiotherapy and planning procedures;

b) reassuring and advising patients during their treatment;

c) supervision of the filing and movement of records and documents of patients and equipment;

d) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. L-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom jew:

(i) id-*Diploma* fir-Radjografija (Terapija) tal-*College of Radiographers, U.K.;*

jew

(ii) il-BSc (Hons) fit-*Therapeutic Radiography* tal-*Kingston University (UK)* jew kwalifika ekwivalenti;

d) ikunu reġistrati bħala Radjografi (Terapija) fuq ir-reġistru tal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplementari għall-Mediċina (Malta);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

6.1. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 5(ċ) ta' hawn fuq iżda jissodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafu 5 (a) u (e) u jkollhom żewġ suġġetti f'livell Avvanzat fi Grad Ċ jew aħjar, flimkien ma' ħames suġġetti f'livell Ordinarju fi Grad Ċ tal-GCSE jew ekwivalenti. Dawn is-suġġetti jridu jinkludu l-Lingwa Ingliża, Matematika u Fiżika jew *Combined Science*.

6.2. L-applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss għal post jekk ma jinstabux biżżejjed applikanti li jikkwalifikaw taħt paragrafu 5.

6.3. L-applikanti magħżula taħt dan il-paragrafu jridu jmorru barra minn Malta kif u meta jkun meħtieġ biex isegwu kors ta' taħriġ ta' tliet snin li jwassal għall-*BSc degree* imsemmija f'paragrafu 5(ċ) (ii) hawn fuq u jsiru eliġibbli biss għan-nomina ta' Radjografu (Terapija) wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' l-istudji tagħhom, u wara l-wasla tagħhom f'Malta.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:

a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of either:

(i) the Diploma in Radiography (Therapy) from the College of Radiographers U.K.;

or

(ii) the BSc (Hons) in Therapeutic Radiography from Kingston University, UK, or equivalent qualification;

d) be registered as Radiographer (Therapy) on the register of the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details.

6.1. Applications will also be considered from candidates who do not possess the qualifications mentioned in paragraph 5(c) above but satisfy the other conditions of paragraph 5 (a) and (e) and who possess two 'A' level passes at grade C or above, supported by five Grade C GCSE passes at 'O' level or equivalent. These must include English Language, Mathematics and Physics or Combined Science.

6.2. Applicants under this paragraph will only be considered for the post if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 5.

6.3. Applicants selected under this paragraph must proceed abroad as and when required to follow a three-year course leading to the attainment of the BSc degree referred to at paragraph 5 (c) (ii) above and will only become eligible for appointment as Radiographer (Therapy) on the successful completion of their studies and on return to Malta.

6.4. Il-kandidati magħżula biex jagħmlu l-kors ta' taħriġ ikunu marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Applikanti li jiġu magħżula taħt paragrafu 6 u ma jkunux impjegati tal-Gvern, jiġu ingaġġati bħala *Trainee Radiographers (Therapy)* u jitħallsu *allowance* ta' Lm2,802 fis-sena sakemm ikunu maħturin *Radiographers (Therapy)*.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviz fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma addatti għal dan il-post.

6.4. Applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Any applicants selected under paragraph 6 who are not public officers, will be engaged as Trainee Radiographers (Therapy) and paid an allowance of Lm2,802 per annum until they are appointed Radiographers (Therapy).

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at: http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-10 ta' Mejju, 2005

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 3rd June 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

10th May, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Surgeon* b'Interess fil-*Paediatric Surgery* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Surgeon* b'interess fil-*Paediatric Surgery* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Surgeon* b'interess fil-*Paediatric Surgery* għandu salarju ta' Lm10,370 fis-sena.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmiem għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa fuq sitt ijiem u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Surgeon with an Interest in Paediatric Surgery in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Surgeon with an interest in Paediatric Surgery in the Health Division.

2. The post of Consultant Surgeon with an interest in Paediatric Surgery carries a salary of Lm10,370 per annum.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour-six day week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*outpatients* u ta' l-operazzjonijiet jistgħu jsiru skond l-arrangamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient and operating sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji u suġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Surgeon* b'interess fil-*Paediatric Surgery* tifforma parti mid-Dipartiment tal-Kirurġija u taqa' taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija. Hija tkun mistennija li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim u riċerka tad-Dipartiment tal-Kirurġija.

5.1. The Consultant Surgeon with an interest in Paediatric Surgery will form part of the Department of Surgery and will be directly accountable to the Chairman Department of Surgery. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Surgery and to participate in its teaching and research programmes.

5.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fil-*Unit* li tispeċjalizza f'*paediatric surgery* fi ħdan id-Dipartiment tal-Kirurġija fl-Isptar San Luqa taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija. Hi tkun meħtieġa li tipprovdi servizz lil pazjenti b'*acute jew chronic paediatric problems* li jeħtieġu kirurġija.

5.2. The appointee will be required to perform duties in the Unit specialising in Paediatric Surgery within the Department of Surgery at St Luke's Hospital under the Chairman of the Department of Surgery. He/She will be required to provide a Service to patients with acute or chronic paediatric problems requiring surgery.

5.3. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.3. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.4. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol), tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dak in-nhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, kemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

5.4. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikun ta' l-ogħla livell possibbli.

5.5. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

5.6. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-

5.6. The appointee shall be responsible to ensure the

twettiq ta' programm kontinwu *(on going)* ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha u tagħti parir lil membri oħra ta' l-i*staff* mediku u kirurġiku fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ispeċjalità.

5.7. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif ikun meħtieġ.

5.8. Il-persuna nominata trid tikkontribwixxi fit-twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità fis-servizz u ta' *medical audit*.

5.9. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom:

JEW

evidenza ta' eliġibilità għal reġistrazzjoni bħala *Specialist* fil-*Paediatric Surgery* fl-Unjoni Ewropea;

JEW

kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-*General Surgery* u sentejn esperjenza fil-*Paediatric Surgery* fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

kwalifika ogħla ta' wara gradwazzjoni fil-*General Surgery* u ħames snin ta' esperjenza fil-*Paediatric Surgery* wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifa ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

implementation of an (on going) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge, and will liaise with and advise other members of the medical and surgical staff on matters pertaining to the speciality.

5.7. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

5.8. The appointee will contribute to the establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.9. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of:

EITHER

evidence of eligibility for Specialist registration in Paediatric Surgery in the European Union;

OR

a higher postgraduate qualification in General Surgery and two years experience in Paediatric Surgery in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

a higher postgraduate qualification in General Surgery and five years experience in Paediatric Surgery following the attainment of the said higher postgraduate qualification.

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Xogħol ta' riċerka, pubblikazzjonijiet u kisba akkademika oħra fl-ispeċjalità ta' *Paediatric Surgery* jiġu kkunsidrati u kkreditati.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn "bdil raġonevoli" skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-post.

11. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

12. Il-persuna nominata tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju 2005.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-

7. Research work, publication of papers or other academic attainments in the speciality of Paediatric Surgery will be taken into consideration and credited.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

12. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

14. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 3rd June 2005.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered

għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikanti trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbgħatu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-10 ta' Mejju, 2005

provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 -21242884.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

10th May, 2005

EUROPEAN UNION

Vacancy Notices with the European and Information Security Agency (ENISA)

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published a vacancy notice in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of ENISA, the European Network and Information Security Agency, for the recruitment of the following posts as Temporary Agents:

1. Ref: ENISA/TA/A/2005/024 - Public Relations Officer (grade A*6) - Closing date 23 May 2005

2. Ref: ENISA/TA/A/2005/023 - Human Resources Officer (grade A*6) - Closing date 23 May 2005

3. Ref: ENISA/TA/A/2005/022 - Budget and Human Resources Liaison Officer (grade A*6) - Closing date 23 May 2005

4. Ref: ENISA/TA/C/2005/005 - Secretary to the Head of Technical Department (grade C*2) - Closing date 23 May 2005

5. Ref: ENISA/TA/C/2005/004 - Secretary to the Head of Co-operation and Support Department (grade C*2) - Closing date 23 May 2005

6. Ref: ENISA/TA/C/2005/003 - Secretary to the Head of Administration (grade C*2) - Closing date 23 May 2005

7. Ref: ENISA/TA/C/2005/002 - Administrative Secretary - 3 posts - (grade C*1) - Closing date 23 May 2005

8. Ref: ENISA/TA/C/2005/001 - Human Resources Junior Assistant - (grade C*1) - Closing date 23 May 2005

9. Ref: ENISA/TA/B/2005/006 - Human Resources Assistant - Individual Rights - (grade B*3) - Closing date 18 May 2005

10. Ref: ENISA/TA/B/2005/005 - Human Resources Assistant (grade B*3) Closing date 18 May 2005

11. Ref: ENISA/TA/B/2005/004 - Financial Assistant - (grade B*4) Closing date 18 May 2005

12. Ref: ENISA/TA/B/2005/003 - IT Assistant - (grade B*4) - Closing date 18 May 2005

13. Ref: ENISA/TA/B/2005/002 - Procurement Officer - (grade B*3) - Closing date 18 May 2005

14. Ref: ENISA/TA/A/2005/021 - Budget Officer - (grade A*6) - Closing date 18 May 2005

The European Network and Information Security Agency was established by the European Parliament and the Council

Regulation (EC) N. 460/2004 of 10 March 2004 (OJ L 77, 13.3.2004) setting up an agency to manage Community action in the field of network and information security issues. The definitive headquarters of the Agency is Heraklion, Crete (Greece).

ENISA's mission is to assist the Community in ensuring particularly high levels of network and information security. The Agency will therefore contribute to the development of a culture of network and information security for the benefit of the citizens, consumers, enterprises and public sector organisations of the European Union, consequently contributing to the smooth functioning of the internal market.

The successful candidate will be recruited as member of the temporary staff, pursuant to Article 2 a) of the Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities, for a period of three years. The contract may be renewed.

Interested persons are requested to use the application form provided by ENISA on its website at http://www.enisa.eu.int/recruitment/index_en.htm and follow the instructions there.

Further information on conditions of employment, on duties, on qualifications and other requirements, and on method of application may also be found on the ENISA website. Applications, clearly indicating the reference number and the title of the post, are to be sent by registered post to:

European Network and Information Security Agency
Human Resources Department
(Reference No.)
Central Mail Service European Commission
7, Rue Belliard - Office 2/30
B-1049 Brussels

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minster,
Valletta

10th May, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Kors Part-time fil-Pittura

Fi tfittxija għal Veduti ta' Malta; Korsijiet tal-Bidu u Intermedji.

Minn Ġunju 2005, l-MCAST se jagħmel żewġ korsijiet ġodda fil-Pittura ta' Veduti. Dawn il-korsijiet se jkunu taħt it-tmexxija ta' l-artist/pittur Salvatore Montanucci.

Dan huwa kors ta' 40 siegħa, mifruxin fuq 16-il sessjoni ta' 2.5 siegħa l-waħda.

Id-dritt ta' ħlas tal-kors huwa ta' Lm 75 kull persuna, u ħadd ma jkun eżenti milli jħallas. Il-ħtiġiet kollha għal dan il-kors għandhom jkunu pprovduti mill-istudent. Wieħed mix-xogħlijiet ta' kull student għandu jingħata lill-MCAST.

Fl-aħħar tal-kors l-istudenti li jkunu attendew iżjed minn 80% tal-lezzjonijiet jingħataw Ċertifikat ta' Attendenza mill-MCAST. Issir ukoll wirja bix-xogħlijiet ta' kull student.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Part-time Course in Painting

In search of Maltese Landscapes; Beginners and Intermediates Courses.

As of June 2005, MCAST will be offering two new courses in Landscape Painting. These courses will be overseen by artist/painter Salvatore Montanucci.

This is a 40-hour course, spread over 16 sessions of 2.5 hours each.

The course fee is of Lm 75 per person, and no fee waivers can be accepted. All resources required for this course are to be provided by the student. One piece of work from every student must be donated to MCAST.

At the end of the course students attending more than 80% of the lessons will receive an MCAST Certificate of Attendance. An exhibition with works from every student will also be held.

Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu miċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni u *Support*, Campus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Min hu interessat f'aktar informazzjoni fuq il-korsijiet għandu jċempel fuq 21806440.

e-mail: information@mcaste.du.mt jew tidħol www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet jintlaqgħu fiċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni u *Support* sat-13 ta' Mejju, 2005.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li ma jibdiex kors jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti.

L-10 ta' Mejju, 2005

Application forms are available from the MCAST Information and Support Centre, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. For further information on the courses interested persons are to call on 21806440.

e-mail: information@mcaste.du.mt or log on to www.mcast.edu.mt

Applications will be received at the MCAST Information and Support Centre till the 13th May 2005.

The College reserves the right not to run a course if there are insufficient applicants.

10th May, 2005

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Laqgħa Pubblika Annwali

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), mill-10.00 a.m. sa nofsinhar ta' nhar il-Ħadd, il-15 ta' Mejju 2005, fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ta' San Pawl il-Baħar, Triq Parades, San Pawl il-Baħar ser issir laqgħa pubblika annwali.

Il-Kunsill Lokali se jiddiskuti l-estimi finanzjarji għas-sena 2005/2006, kif ukoll se jingħata tagħrif dwar il-proġetti li se jsiru fil-lokalità.

Ir-residenti li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar huma mistiedna sabiex jattendu.

L-10 ta' Mejju, 2005

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Sunday, 15th May, 2005 at the San Pawl il-Baħar Day Centre, Triq Parades, St. Paul's Bay from 10.00 a.m. till noon.

The Local Council will be discussing the financial estimates for the year 2005/2006 and the projects in the locality.

All residents whose names are listed on the San Pawl il-Baħar Local Council Electoral Register are cordially invited to attend for this meeting.

10th May, 2005

KUNSILL LOKALI ŻEJTUN

Il-Kunsill Lokali Żejtun jgħarraf illi Triq l-Isqof Emm. Galea, iż-Żejtun se tkun magħluqa għat-traffiku nhar is-Sibt, it-28 ta' Mejju, 2005 bejn nofsinhar u l-5.00 p.m.

L-10 ta' Mejju, 2005

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

The Żejtun Local Council notifies that Triq l-Isqof Emm. Galea, Żejtun is being closed for traffic on Saturday, 28th May, 2005 between noon and 5.00 p.m.

10th May, 2005

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 MARCH 2005

ASSETS	31-Mar-05 Lm	28-Feb-05 Lm
EXTERNAL ASSETS		
Gold and Other Precious Metals	**504,498**	505,154
International Monetary Fund	**35,791,196**	35,533,888
Convertible Currencies and Other Foreign Assets	**784,154,179**	813,914,240
	820,449,873	849,953,282
LOCAL INVESTMENTS		
Malta Govt. Securities	**20,711,053**	5,704,354
OTHER ASSETS	**77,931,419**	54,638,251
	919,092,345	910,295,887

LIABILITIES	Lm	31-Mar-05 Lm	28-Feb-05 Lm
CAPITAL AND RESERVES			
Capital		**5,000,000**	5,000,000
General Reserve Fund		**23,000,000**	23,000,000
Special Reserve Fund		**13,000,000**	13,000,000
Reserves for Risks and Contingencies		**43,950,000**	43,950,000
Reserve for Fair Value Adj		**(743,132)**	(234,220)
		84,206,868	84,715,780
CURRENCY ISSUED			
Notes	**486,140,419**		483,075,250
Coins	**18,908,233**		18,912,222
		505,048,652	501,987,472
DEPOSITS			
Government	**87,119,013**		91,828,721
Banks	**185,244,617**		175,809,643
Others	**11,185,124**		10,650,690
		283,548,754	278,289,054
OTHER LIABILITIES		**46,288,071**	45,303,581
		919,092,345	910,295,887

1. Proportion of total external assets to currency and deposit liabilities 104.03% (108.92%)
2. Net amount of foreign currency exchange sale contracts is Lm1,176,485.
3. The amount of foreign currency guarantees issued on behalf of customers is Lm10,414,614.

R. FILLETTI
FINANCIAL CONTROLLER

G. HUBER
DIRECTOR
FINANCE & BANKING

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Lista ta' offerti mogħtija mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern matul April 2005.

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

List of tenders awarded by the Government Pharmaceutical Services during April 2005.

Deskrizzjoni ta' l-Oġġett *Nature of Item*	Kuntrattur *Contractor*
Dextran 40%, 10% in sodium chloride	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Azithromycin 250mg capsules	George Borg Barthet Ltd. - Luqa
Consumables for marquette monitors	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Diet supplementation powder	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
Selegiline 5mg tablets	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Water test kits	Cherubino Ltd. - Gżira
Sterile drape, size 20 - 25 x 30 - 35cm	Krypton Chemists Ltd. - Ibraġġ
Electrodes for E.S.W.L.	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Acetylsalicylic acid 500mg injections	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Pethidine 100mg/2ml injections	Martindale Pharmaceuticals Ltd. - UK
Gloves surgeon	Kemimport Ltd. - Birkirkara
Reciprocating saw blades	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Monocryl 4/0 curved cutting needle	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Parts and consumables needed for nova blood analyser	Technoline Ltd. – Gżira
Turner warwich diathermy scissors	Pharma-Cos Ltd. - Sta. Venera
Tongue depressors	A.T.G. Ltd. - China
Paediatric epidural kits	Euro Healthcare Ltd. - Kappara
Paper sterilization blue	Be Independent - Żebbuġ
Items for IL1306 - PC02 membranes	Technoline Ltd. - Gżira
Aztreonam 2g injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Aztreonam 1g injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Synchromed refill kits	Technoline Ltd. - Gżira
Pre-mounted baloon expandable stents 0.35" for renal arteries	Sidroc Services Ltd. - Gżira
AO/ASIF external fixator clamp units	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Fusidic acid oral suspension	Medicem Ltd. - Marsaxlokk
Internal mammary cannulae	Technoline Ltd. - Gżira
Amixillo bifemoral vascular grafts	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Bandages wadding 15cm	Euro Healthcare Ltd. - Kappara
High pressure tubing	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Alcohol swabs for cytotoxic reconstitution	Micar Medics Ltd. - San Ġwann
Disposable mouth pieces	Technoline Ltd. - Gżira
Extra length epidural needles	Euro Healthcare Ltd. - Kappara
Liquid concentrated detergent	Euro Healthcare Ltd. - Kappara
Drills to fit AO/ASIF quick coupling	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Flourescine strips	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Food preperation	Serolf Trading Agency Ltd. - Sliema
Disposable laparascopic grasper	A.M. Mangion Ltd. - Luqa
Mepitel ® dressings sz 20cm x 30cm	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Bromocriptine mesylate 2.5mg tablets	Drugsales Ltd. - Lija
Needle mounted, wound drains	Technoline Ltd. - Gżira
Enteral feeding sets (bottle fitting) for frentamat pumps	Pemix Ltd. - Mosta
Alcoholic gel for antispetic handwashing in dispensers x appr. 500ml	Atg. Co. Ltd. - Floriana
Insulin glargine injections	Charles De Giorgio Ltd. - Valletta
Malathion liquid 0.55	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Fully transparent IVI dressing 6 x 7cm	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Syphilis RPR tests	Drugsales Ltd. - Lija
Calcaneal reconstruction plates for use with 3.5mm x 4.5mm screws	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Radio-active iodine 1-131-metaiodobenzylguanidine (m.i.b.g.) 0.5mci	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera

Isoniazid 50mg injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Chloramphenicol 1g injections	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
Multivitamin liquid (ketovite ®)	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Amphotericin 50mg injections	Medicem Ltd. - Marsaxlokk
Disposable curved end to end anastomosis	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Accessories for propaq monitor	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Dextrose 10% in 0.18% sodium chloride x 500ml IV infusion fluid	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Activated charcoal	Pharmachemic Trading Agency - Rabat
Freedome micro drills	Holistic Technologies Ltd. - Fgura
Calcium gluconate injections	Medicem Ltd. - Marsaxlokk

L-10 ta' Mejju, 2005 10th May, 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-12 ta' Mejju, 2005 għal:

CT 80/2005. Talba għal proposti għall-produzzjonijiet ta' avveniment kulturali għaċ-Ċerimonja tal-Ftuħ tal-*Commonwealth Heads of Government Meeting 2005* - Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 91/2005. Provvista ta' servizzi ta' *stevedore* liċenzjat għas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern *(GPS)* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 92/2005. Titjib tas-servizzi tal-*catering* li jinkludu l-introduzzjoni ta' servizz ta' *meal trolley* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex - Sptar Ġenerali ta' Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 94/2005. Provvista ta' *dinoprostone 10mg vaginal pessaries* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 89/2005. Disinjar, provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *Language Interpretation Laboratory* fil-Fakultà ta' l-Arti – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-17 ta' Mejju, 2005 għal:

CT 64/2005. Provvista ta' *hydrocortisone foam enema* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' Marzu, 2005.

CT 73/2005. Disinjar, provvista, stallazzjoni, ittestjar u kummissjonar ta' tagħmir għas-*slaughtering line* u servizzi

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 12th May, 2005, for:

CT 80/2005. Request for proposals for the productions of a cultural event for the Commonwealth Heads of Governmment meeting 2005 Opening Ceremony - Ministry of Foreign Affairs. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 91/2005. Supply of services for the Government Pharmaceuticals Services (GPS) by a licensed stevedore - Department of Health.

CT 92/2005. Upgrading of the catering services including the introduction of a meal trolley service at the Gozo General Hospital - Gozo General Hospital. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 94/2005. Supply of dinoprostone 10mg vaginal pessaries - Department of Health.

CT 89/2005. Design, supply, installation and commissioning for Language Interpretation Laboratory at the Faculty of Arts – University of Malta. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 17th May, 2005, for:

CT 64/2005. Supply of hydrocortisone foam enema – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 7th March, 2005.

CT 73/2005. Design, supply, installation, testing and commissioning of slaughtering line equipment and ancillary

anċillari fil-Biċċerija Ċivili, ix-Xewkija, Għawdex – Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Marzu, 2005.

CT 95/2005. Provvista ta' *hollow fibre dialysers UF 3.8-4.5* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 96/2005. Provvista ta' *consumables for spacelab monitors* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 97/2005. Provvista ta' pilloli *cabergoline 0.5mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 27/2005. Rijabilitazzjoni tal-Miżbliet tal-Magħtab, il-Qortin u Wied Fulija. *Aerial Emissions Control Works Tender (Structural Funds)* - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm150 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Jannar 2005.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-19 ta' Mejju, 2005 għal:

CT 99/2005. Provvista ta' *mobile standby generator* fl-Isptar San Luqa – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Mejju, 2005 għal:

CT 85/2005. Provvista u stallazzjoni ta' għamara, tagħmir u *Library Management Software* fil-*Library and Learning Resource Centre,* fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), Kordin, Raħal Ġdid - Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Marzu, 2005.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Mejju, 2005 għal:

CT 104/2005. Bini u tkomplija ta' *flats* f'66 u 69, Triq il-Ponta, l-Isla – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm75 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 105/2005. Bini u tkomplija parzjali ta' *maisonettes,* dar u garaxxijiet fi Triq il-Kapuċċini, il-Kalkara – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm200 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

services at the Civil Abattoir, Xewkija, Gozo – Department of Health. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th March, 2005.

CT 95/2005. Supply of hollow fibre dialysers UF 3.8-4.5 - Department of Health.

CT 96/2005. Supply of consumables for spacelab monitors - Department of Health.

CT 97/2005. Supply of cabergoline 0.5mg tablets - Department of Health.

CT 27/2005. Rehabilitation of Magħtab, Qortin and Wied Fulija Landfills. Aerial Emissions Control Works Tender (Structural Funds) - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm150 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 28th January 2005.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 19th May, 2005, for:

CT 99/2005. Supply of mobile standby generator at St. Luke's Hospital – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th May, 2005, for:

CT 85/2005. Supply, delivery and installation of furniture, equipment and Library Management Software at the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) Library and Learning Resource Centre, Corradino, Paola - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th March, 2005.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 26th May, 2005, for:

CT 104/2005. Construction and finishing of flats at 66 and 69, Triq il-Ponta, Senglea – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm75 for each copy of tender document.

CT 105/2005. Construction and semi finishing of maisonettes, house and garages at Triq il-Kapuċċini, Kalkara – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm200 for each copy of tender document.

CT 106/2005. Bini u tkomplija parzjali ta' *flats* u garaxxijiet fi *Plots* 5 u 6, Ta' Calleja, l-Imrieħel – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 107/2005. Bini u tkomplija parzjali ta' *flats* u garaxxijiet fi *Plot* 11, Ta' Calleja, l-Imrieħel – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm75 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 108/2005. Bini u tkomplija/tkomplija parzjali ta' *flats* u garaxxijiet i Blokki A1 – A4, Pembroke – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm200 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 109/2005. Bini u tkomplija parzjali ta' *flats* u garaxxijiet fi *Plots* 8 u 9, Ta' Calleja, l-Imrieħel – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 110/2005. Provvista ta' *ablation catheters* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 111/2005. Provvista ta' *arterial blood samples* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 112/2005. Provvista ta' dqiq mingħajr glutina – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-31 ta' Mejju, 2005 għal:

CT 90/2005. Provvista ta' tagħmir speċjali - Forzi Armati ta' Malta.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Marzu, 2005.

CT 100/2005. Provvista ta' servizzi ta' taħriġ fuq l-immaniġġjar ta' l-iskart għall-Kunsilli Lokali u l-*SMEs* - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 128/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *pullovers* għat-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 106/2005. Construction and semi finishing of flats and garages at Plots 5 and 6, Ta' Calleja, Mrieħel – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm100 for each copy of tender document.

CT 107/2005. Construction and semi finishing of flats and garages at Plot 11, Ta' Calleja, Mriehel – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm75 for each copy of tender document.

CT 108/2005. Construction and finishing/semi finishing of flats and garages at Blocks A1 – A4, Pembroke – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm200 for each copy of tender document.

CT 109/2005. Construction and semi finishing of flats and garages at Plot 8 and 9, Ta' Calleja, Mrieħel – Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm100 for each copy of tender document.

CT 110/2005. Supply of ablation catheters – Department of Health.

CT 111/2005. Supply of arterial blood samples – Department of Health.

CT 112/2005. Supply of gluten free flour – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 31st May, 2005, for:

CT 90/2005. Supply of special equipment - Armed Forces of Malta.
The EU Contract Notice was dispatched on 28th March, 2005.

CT 100/2005. Provision of training services in waste management for Local Councils and SMEs - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 128/2005. Period contract for the supply of pullovers to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-2 ta' Ġunju, 2005 għal:

CT 120/2005. Xogħlijiet ta' twaqqigħ u bini fl-Iskola ta' San Bastjan, Ħal Qormi - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 121/2005. Xiri ta' *care working services* fl-Isptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn thallas is-somma ta' ħamest elef u tliet mija u disgħa u għoxrin lira Maltin (Lm5,329) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989 u 1990 skond l-Avviż hawn unit "animo ritirandi" u mmarkat Dok. "A".

Billi inti nqast li thallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa "animo ritirandi" u mmarkata Dok. "B" il-mittent javżak li jekk tonqos li thallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni - Floriana.

Intimat: 10, Triq il-Biegħa, Ħal Qormi QRM 04.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 5 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 18th April 2005, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 11th February 2005.

To: Doctor James McElhatton

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of five thousand three hundred and twenty nine Maltese liri (Lm5,329) in arrears of income tax or provisional tax for the years of assessment 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989 and 1990 according to a Notice hereby attached "animo ritirandi" and marked Doc. "A".

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment which was made to you a copy of which is also attached "animo ritirandi" and marked Doc. "B" the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time above given to you he shall proceed to execute the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of this Act.

Interpellant: Department of Inland Revenue - Floriana.

Respondent: 10, Biegħa Street, Qormi QRM 04.

Registry of the Superior Courts, today, 5th May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

959

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Lulju 2004, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 225/04 GC, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc versus Joseph Degiorgio, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

HSBC Bank Malta p.l.c. (Reg. No. C 3177), ippreżentaw, Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' April 2004, kontra Joseph Degiorgio (ID Nru. 1077541M) fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu u għalhekk fi stat ta' falliment.

2. Tistabilixxi il-jum li fih il-konvenut għandu jitqies li waqaf mill-ħlasijiet tad-djun tiegħu.

3. Taħtar kuratur tal-falliment skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

B'avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ġimgħa, it-2 ta' April 2004, iċ-Ċitazzjoni Numru 225/2004 GC, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc C 3177 vs Degiorgio Joseph ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tnejn, 3 ta' Mejju 2004, Awla 18, fid-9.00 a.m.

Konvenut: Joseph Degiorgio
L-Arka, Nru. 5, Ferdinand Grech Street, Ħal Lija

B'ordni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Mejju 2004, il-kawża hawn fuq imsemmija, Ċitazzjoni Numru 225/2004 GC, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc C 3177 vs Degiorgio Joseph, ġiet differita għat-22 ta' Ġunju 2004 għan-notifika tal-konvenut.

B'ordnijiet ta' l-istess Qorti, tat-22 ta' Ġunju 2004, tal-11 ta' Ottubru 2004, tal-1 ta' Novembru 2004, 6 ta' Diċembru 2004, u 12 ta' April 2005, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita u issa tinsab appuntata għas-26 ta' Mejju 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 6 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 14th July 2004, in the records of the Writ of Summons Number 225/04 GC, in the names HSBC Bank Malta plc versus Joseph Degiorgio ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

HSBC Bank Malta p.l.c. (Reg. No. C 3177), filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 1st April 2004, against Joseph Degiorgio (ID No. 1077541M) wherein they asked this Honourable Court:

1. To declare that the defendant has suspended payment of his debts and thus is in a state of bankruptcy.

2. To establish the day when the defendant is to be considered as having suspended the payments of his debts.

3. To appoint a curator of the bankruptcy according to law.

With costs against the defendant summoned so that a reference to his evidence be made.

By a notice of hearing of a cause issued by the Registry of the Superior Courts, on Friday 2nd April 2004, the Writ of Summons Number 225/2004 GC, in the names HSBC Bank Malta plc C 3177 vs Degiorgio Joseph was appointed for hearing on Monday 3rd May 2004, Hall 18 at 9.00 a.m.

Defendant: Joseph Degiorgio
L-Arka, No.5, Ferdinand Grech Street, Lija

By order of the First Hall Civil Court of the 3rd May 2004, the cause above mentioned, Writ of Summons Number 225/2004 GC, in the names HSBC Bank Malta plc C 3177 vs Degiorgio Joseph, was put off to the 22nd June 2004 in order that defendant be notified.

By orders of the same Court, of the 22nd June 2004, of the 11th October 2004, of the 1st November 2004, 6th December 2004, and 12th April 2005, the cause above mentioned was put off and is now appointed for the 26th May 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 6th May 2005.

AVV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

960

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-13 ta' Mejju 2004, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree given on the 13th May 2004, the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bandu għall-Kuraturi

Bann for Curators.

Repubblika ta' Malta

Republic of Malta.

Lill-Marixxall tal-Qrati

To The Marshall of the Courts.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Mejju 2004, fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc C -3177, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-intimati Abdussalam Mohammed Fituri u Miriam Taher Hamza, fl-atti tas-Subbasta, fl-ismijiet 'HSBC Bank Malta plc C-3177 vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Whereas by decree given by this Court on the 13th May 2004, on request of HSBC Bank Malta plc C-3177, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondents Abdussalam Mohammed Fituri and Miriam Taher Hamza, in the acts of the Judicial Sale, in the names 'HSBC Bank Malta plc C 3177 vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Mejju 2004, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil-assenti Abdussalam Mohammed Fituri, direttur ta' kumpanija bin Mohammed u Iglal neé Morse imwieled il-Kajr fl-Eġittu u joqgħod il-Mosta, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-numru: 805314(A) u Miriam Taher Hamza mart Abdussalam Mohammed Fituri, bint Taher Hamza u Anisa neé Khalifa, imwielda Yafren fil-Libja u toqgħod il-Mosta, detentriċi tal-Passport Libjan bin-numru 244070, is-soċjetà rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. esponiet bir-rispett;

By means of an application filed in the First Hall Civil Court, on the 5th May 2004, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Deputy Curators to represent the absent Abdussalam Mohammed Fituri, director of the company son of Mohammed and Iglal neé Morse, born in Cairo, Egypt and residing in Mosta, holder of Identity card number 805314(A) and Miriam Taher Hamza wife of Abduddalam Mohammed Fituri, daughter of Taher Hamza and Anisa neé Khalifa, born Yafren in Libya and residing in Mosta, holder of Libyan Passport bearing number 244070, the applicant company HSBC Bank Malta p.l.c. pleaded with respect;

Illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet: HSBC Bank Malta p.l.c. vs Di Carina Holdings Limited et deċiża fis-16 ta' April 2004 (Ċitazzjoni Numru 1031/2003 GV) is-soċjetà esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi ta' l-intimati fis-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf u tlieta u tmenin lira maltija u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm124,083.85) oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-22 ta' Jannar 2003 u oltre imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

That in virtue of a judgement of the First Hall Civil Court in the names: HSBC Bank Malta p.l.c. vs Di Carina Holdings Limited et decided on the 16th April 2004 (Writ of Summons Number 1031/2003 GV) the applicant company was declared a creditor of the respondents in the sum of one hundred and twenty four thousand and eighty three Maltese liri and eighty five cents (Lm124,083.85) besides legal interest at the rate of eight per cent (8%) per annum from the 22nd January 2003 besides further interest till the date of effective payment.

Illi fost il-proprjetà immobili ta' l-intimati hemm il-fond li jismu "Saint Francis" bin-numru erbgħa u tletin (34) fi Triq Nicolò Isouard, il-Mosta kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu kif indikat f' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) inkluż il-back garden li għandha entratura oħra minn Triq id-9 ta' April, il-Mosta.

That amongst the immovable property of the respondents there is the premises named "Saint Francis" bearing number thirty four (34) in Nicolò Isouard Street, Mosta as subject to the annual and perpetual groundrent as indicated in the records of Notary Dr. Pierre Falzon dated twenty ninth (29)th July of the year one thousand nine hundred and ninety eight (1998) including the back garden which has another entrance from the 9th April Street, Mosta.

Għaldaqstant is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett li din l-

Thus the applicant company prays with respect that this

Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-bejgħ in subbasta u tiffissa jum, ħin u lok għall-bejgħ tal-propjetà imsemmija u dana in sodisfazzjon tal-kreditu tagħha hawn fuq imsemmi.

Esponent: 116, Triq l-Arċisqof, Valletta.

Notifika: Kuraturi Deputati, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Carmelo Farrugia Sacco, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum, 13 ta' Mejju 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 6 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Honourable Court orders the judicial sale and fixes, the day, time and place for the sale of the property mentioned and this in order that its debt above mentioned be paid.

Applicant: 116, Archbishop Street, Valletta.

Notify: Deputy Curators, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann you are to inform forthwith this Court.

Given by the Hon. Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Carmelo Farrugia Sacco, LL.D., Doctor of Laws.

Today 13th May 2004.

Registry of the Superior Courts, today 6th May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

961

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Marzu 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali Numru 395/05, fl-ismijiet Allevs Limited (C 2929) vs Meilak Brothers (P 261) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fid-9 ta' Frar 2005, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, lil Meilak Brothers (P 261), is-soċjetà Allevs Limited (C 2929) infurmat lil intimat għall-fini u l-effetti kollha tal-Liġi li l-lokazzjoni fuq il-fond 189, Melita Street, Valletta, qed tiġi terminata stante ksur da parti tiegħek tal-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni.

Konsegwentement inti qed tiġi interpellat sabiex fi żmien ġimgħa tiżgombra u tirrilaxxja favur il-mittenti l-fond fuq imsemmi.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri skond il-Liġi mingħajr pre-avviż ieħor.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 8th March 2005, in the records of the judicial letter Number 395/05, in the names Allevs Limited (C 2929) vs Meilak Brothers (P 261) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed on the 9th February 2005, in the First Hall Civil Court, against Meilak Brothers (P 261), the company Allevs Limited (C 2929) informed the respondents for all intents and purposes of Law that the lease regarding premises 189, Melita Street, Valletta, is being terminated due to violation on your part of the conditions of the lease.

Consequently you are being called so that within a week you vacate and release in favour of the interpellant the premises above mentioned.

Failing which further steps will be taken against you without any other prior notice.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Mittenti: C/O Subway Diving School, Pioneer Road, Buġibba.

Intimat: 186, Melita Street, Valletta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 6 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Interpellants: C/O Subway Diving School, Pioneer Road, Buġibba.

Respondent: 186, Melita Street, Valletta.

Registry of the Superior Courts, today, 6th May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

962

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' April 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 257/05 GC, Diff. 30/05/05, fl-ismijiet Alfred Micallef et versus Anthony Micallef et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-11 ta' Marzu 2005, fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament 407/05 JA fl-ismijiet: Alfred u Doris konjugi Micallef (Karti ta' Identità rispettivi numri: 528750(M) u 143657(M) versus Anthony u Rita konjugi Micallef (Karti ta' Identità rispettivi numri 401147(M) u 691747(M); ir-rikorrenti Anthony u Rita konjugi Micallef esponew bir-rispett;

Illi huma talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament fuq l-iskorta tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-kawża fl-ismijiet premessi mogħtija fit-28 ta' Jannar 2005, liema sentenza rriformat parti mis-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli tal-24 ta' Marzu 2004 u kkonfermata kwantu parti oħra. It-talba għall-ħruġ ta' l-imsemmi Mandat saret mill-intimati Alfred u Doris konjugi Micallef fit-8 ta' Marzu 2005 u ġiet akkordata fl-istess jum. Kopja ta' dan il-Mandat ta' Żgumbrament tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A.

Illi dan il-mandat ġie notifikat lill-esponenti rikorrenti, fid-9 ta' Marzu 2005, mill-Marixxall assenjat għal dan l-iskop.

Illi preliminarjament it-talba għall-otteniment u l-konsegwenti ħruġ tal-mandat ta' żgumbrament flimkien mal-esekuzzjoni ta' l-istess mandat ta' żgumbrament fl-ismijiet premessi huma rritwali għad illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 2005, fl-ismijiet premessi meta kkonfermat dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel

It is hereby notified that the Civil Courts First Hall by means of a decree given on the 18th April 2005, in the recordsof the Writ of Summons Number 257/05 GC, Put off. 30/05/05, in the names Alfred Micallef et versus Anthony Micallef et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court on the 11th March 2005, in the records of the Warrant of Eviction 407/05 JA, in the names: Alfred and Doris spouses Micallef (Identity Card numbers 528750M and 143657M) versus Anthony and Rita spouses Micallef (Identity Card numbers 401147(M) and 691747(M), the applicants Anthony and Rita spouses Micallef prayed with respect:

That they demanded and obtained the issuing of a Warrant of Eviction in the light of a judgement of the Honourable Court of Appeal in the cause in the names premised given on the 28th January 2005, which judgement changed part of the judgement of the Court of First Instance of the 24th March, 2004 and confirmed it as regards another part. The demand for the issuing of the said warrant was made by the respondents Alfred and Doris spouses Micallef on the 8th March 2005 and was upheld on the same day. A copy of this Warrant of Eviction has hereby attached and marked Document A.

That this warrant of eviction was notified to the applicants on the 9th March 2005 by the Marshall assigned for this purpose.

That in the first place the demand for obtaining the issuing of the warrant of eviction together with the execution of the same warrant of eviction in the names premised are irregular although the Honourable Court of Appeal in its judgement of the 28th January 2005, in the names premised, when it confirmed that part of the judgement of the Honourable Court

Onorabbli Qorti ta' l-24 ta' Marzu 2004 (Ċitazz. Numru 1596/00JA) ma' ġiet li ordnat ebda żgumbrament ta' l-esponenti u l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma setgħetx lanqas tordna dan bil-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza tal-24 ta' Marzu 2004, ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti għaliex ma saret ebda talba għall-żgumbrament mill-intimati fiċ-ċitazzjoni promotriċi.

of the 24th March 2004 (Writ of Summons Number 1596ċ 00JA) did not order any eviction of the applicants and the same Honourable Court of Appeal could not order by confirming that part of the judgement of the 24th March 2004 of the Honourable First Court because no demand for eviction was made by the respondents in the original writ of summons.

Illi inoltre mingħajr preġudizzju għas-suepost u fil-mertu jingħad li s-sentenza fuq imsemmija ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mogħtija fit-28 ta' Jannar 2005 ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tal-24 ta' Marzu 2004, fl-ismijiet premessi kwantu din laqgħet it-tieni u t-tielet talbiet ta' l-atturi fil-kawża il-konjugi Alfred u Doris Micallef u ċioé kwantu għat-tielet talba billi ddikjarat li l-konvenuti esponenti f'dan ir-rikors bi tqegħid ta' l-inġenji quddiem l-għelieqi ta' l-atturi għalqu l-aċċess liberu ta' l-atturi li jidħlu bl-inġenji tagħhom fl-għalqa ta' l-istess atturi u b'hekk kkommettew spoll, filwaqt li kwantu għat-tielet talba billi ddikjarat li l-konvenuti esponenti f'dan ir-rikors ma kienux qegħdin iħallu aċċess sabiex l-atturi jkomplu jaħdmu l-istess għalqa u b'hekk ikkommettew spoll. L-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-istess waqt fl-istess sentenza rriformat is-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-24 ta' Marzu, 2004 bili rrevokatha kwantu din laqgħet l-ewwel u r-raba' talbiet attriċi. Qegħdin jiġu annessi kopji informali tas-sentenzi ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-24 ta' Marzu 2004 u ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Jannar 2005, liema kopji qegħdin jiġu mmarkati bħala Dokumenti B u Ċ rispettivament.

That furthermore and without prejudice and as regards the merit it is to be stated that the judgement given by this Honourable Court of Appeal in January 2005 confirmed the judgement of the Honourable Court of First Instance of the 24th March 2004, in the names premised as it upheld the second and third demands of the plaintiffs in the cause the spouses Alfred and Doris Micallef and that is the third demand, by declaring that the defendants applicants in this application by putting the machinery in front of the plaintiffs fields closed the free access of the plaintiffs to enter with their machinery in the field of the same plaintiffs and thus committed a spoliation, whilst as regards the third demand by declaring that the defendants, applicants in this application were not allowing access so that the plaintiffs continue to work the same field and thus committed a spoliation. The same Honourable Court of Appeal whilst reforming the judgement of the Honourable Court of First Instance of the 24th March 2004, revoked it in so far as it upheld the first and fourth demand of the plaintiffs, Informal copies of the judgements of the Honourable Court of First Instance of the 24th March 2004 and the Honourable Court of Appeal of the 28th January 2005 are being attached which are marked Documents B and C respectively.

Illi l-esponenti kkonformaw ruħhom pjenament mas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Jannar 2005, kwantu din ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-24 ta' Marzu 2004 u l-istess esponenti ma humiex jagħlqu bl-inġenji tagħhom l-aċċess liberu ta' Alfred u Doris konjugi Micallef u ma jħalluhomx jidħlu bl-inġenji tagħhom fl-għalqa tagħhom u lanqas ma huma qegħdin jostakolaw l-aċċess liberu ta' l-istess Alfred u Doris konjugi Micallef għal dan l-istess għalqa tagħhom mill-kanċell indikat fiċ-ċitazzjoni promotriċi. Infatti sal-bieraħ stess Alfred Micallef aċċeda mingħajr ostakolu u tfixxkil għall-għelieqi tiegħu.

That the applicants completely conformed with the judgement of the Honourable Court of Appeal of the 28th January 2005, in so far as this confirmed that part of the judgement of the Honourable First Court of the 24th March 2004, and the same applicants are not blocking with their plants the free access of Alfred and Doris spouses Micallef and do not allow them to enter with their machinery in their field and are not blocking the free access of the same Alfred and Doris Micallef to this same field from the gate indicated in the original writ of summons. In fact till yesterday the same Alfred Micallef acceded without any obstacle to his fields.

Għalhekk in vista tal-premess u fiċ-ċirkostanzi l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna t-tħassir ta' l-att esekuttiv ossija l-Mandat ta' Żgumbrament Numru 407/05 JA, fl-ismijiet 'Alfred u Doris konjugi Micallef versus Anthony u Rita konjugi Micallef' u dan għat-tenur ta' l-Artikolu 283 A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta) bl-ispejjeż kollha kontra

Thus in view of the premised and in the circumstances the applicants humbly pray that this Honourable Court orders the cancelling of the executive act or rather Warrant of Eviction Number 407/05JA, in the names 'Alfred and Doris spouses Micallef versus Anthony and Rita spouses Micallef' and this in terms of Article 283A of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) with all

esekuttanti Alfred u Doris konjugi Micallef u b'riserva għall-jedd tad-danni u imgħaxijiet kontra l-istess esekuttanti Alfred u Doris konjugi Micallef għat-tenur ta' l-Artikolu 282 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rikorrenti: Bejta tal-Għollieqa, St. George's Street, San Pawl il-Baħar.

Intimati: 118A, Parades Street, San Pawl il-Baħar.

Ir-rikors numru 257/2005 GC fl-ismijiet Micallef Alfred et vs Micallef Anthony et, tinsab differita għat-30 ta' Mejju 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 6 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

costs against the applicants Alfred and Doris spouses Micallef and saving any right for damages and interests against the same respondents Alfred and Doris spouses Micallef in terms of Article 282 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta).

Applicants: Bejta tal-Għollieqa, St. George's Street, St. Paul's Bay.

Respondents: 118 A Parades Street, St. Paul's Bay.

The application number 257/2005 GC, in the names Micallef Alfred et vs Micallef Anthony et, has been put off to the 30th May 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 6th May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

963

Illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Settembru, 2004 ġiet milqugħa t-talba mill-Prosekuzzjoni a tenur tar-Regolament 5(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement amendat u 40 A u 120 A u t-Tielet skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985, kif emendat fl-Atti tal-Kumpilazzjoni: "Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma) kontra:

David Gatt, ta' 27 sena, iben Alfred u Rita neé Azzopardi, imwieled l-Imtarfa fis-17 ta' Frar, 1977 u residenti St Joseph Court, Flat 61A, Triq l-Imħar, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta ta' l-identità numru 153677 (M);

ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti u/jew imissu lill-imputat imsemmi aktar 'il fuq, jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbiet lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull proprjetà, mobbli jew immobbli, kif provdut fir-Regolament 5(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement amendat u 40 A u 120 A u t-Tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985, kif emendat.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 6 ta' Mejju, 2005.

PAUL MIRUZZI
Assistent Reġistratur

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 14th September, 2004, the Court acceded to the request of the Prosecution in terms of Regulation 5(1) of Legal Notice 22 of 1985 as subsequently amended and 40 A and 120 A of the Third Schedule to the Ordinance of Medical and Kindred Professions Ordinance Chapter 31 of the Laws of Malta and Article 16 of Act V of 1985 as duly amended in the Preliminary Investigation, "The Police (Inspector Norbert Ciappara and Inspector Dennis Theuma) versus:

David Gatt, 27 years old, son of Alfred and Rita neé Azzopardi, born at Mtarfa on the 17th February, 1977 and residing at St Joseph Court, Flat 61A, Triq l-Imħar, St Paul's Bay and holder of Identity Card Number 153677 (M);

ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and any movable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, movable or immovable, in terms of Regulation 5(1) of Legal Notice 22 of 1985 as subsequently amended and 40 A and 120 A of the Third Schedule to the Ordinance of Medical and Kindred Professions Ordinance Chapter 31 of the Laws of Malta and Article 16 of Act V of 1985 as duly amended.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 6th May, 2005.

PAUL MIRUZZI
Assistant Registrar

964

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2004, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 660/2003 NC, fl-ismijiet Muscat Manduca Joseph vs Manduca Louis et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Joseph Muscat Manduca ppreżenta Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2003, kontra Louis u Ruby konjugi Manduca fejn talbu l-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għall-ħsara li hemm fil-fond numru erbgħa u sittin (64) (ġja 56) Bay View Cottage, Triq iż-Żonqor, Marsascala.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur permezz ta' perit nominat mill-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma li tiġi hekk likwidata.

4. Tillikwida permezz ta' perit nominat mill-Qorti, somma li hija pagabbli bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-konvenuti tal-fond numru erbgħa u sittin (64) (ġja 56) Bay View Cottage, Triq iż-Żonqor, Marsaskala matul il-perjodu bejn Mejju 1993 sal-15 ta' Jannar 2003.

5. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu dik is-somma li tiġi hekk likwidata għal fini tar-raba' talba.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Jannar 2003, kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Konvenuti:

1. 29, Triq Sant' Antnin, Ħ'Attard.

2. 29, Triq Sant' Antnin, Ħ'Attard.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 660/2003 NC, fl-ismijiet Muscat Manduca Joseph vs Manduca Louis et, tinsab differita għall-24 ta' Mejju 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 25th May 2004, in the records of the Writ of Summons number 660/2003 NC, in the names Muscat Manduca Joseph vs Manduca Louis et ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Joseph Muscat Manduca filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court on the 30th June 2003, against Louis and Ruby spouses Manduca whereby they asked the defendants why this Honourable Court should not:

1. Declare that the defendants are responsible for the damage in the premises number sixty four (64) (previously 56) Bay View Cottage, Żonqor Street, Marsascala.

2. Liquidate the damages suffered by the plaintiff by means of an Architect appointed by the Court.

3. Condemn the defendants to pay the sum that shall be so liquidated.

4. Liquidate by means of an Architect appointed by the Court, the sum which is payable as compensation for the occupation of the premises number sixty four (64) (previously 56) Bay View Cottage, Triq iż-Żonqor, Marsascala by the defendants during the period between May 1993 till the 15th January 2003.

5. Condemn the defendants to pay that sum that shall be so liquidated for the purposes of the fourth demand.

With costs, including those of the judicial letter of the 21st January 2003, against the defendants who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Defendants:

1. 29, St. Anthony Street, Attard.

2. 29, St. Anthony Street, Attard.

The cause Writ of Summons Number 660/2003 NC, in the names Muscat Manduca Joseph vs Manduca Louis et, has been put off to the 24th May 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th May 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

965

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

World Travel and Tourism Limited (C5716) ta' 12, Marina Street, Pietà, ippreżentaw Talba fid-19 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Hi Timber Company Limited (C9022) ta' Irma Racecourse Street, il-Marsa, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u disgħa u ħamsin lira Maltija u tmintax-il ċenteżmu (Lm159.18) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 2198/04 JB) hija differita għas-16 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum, 5 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 18th April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

World Travel and Tourism Limited (C 5716) of 12, Marina Street, Pietà, filed a Claim on the 19th November 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Hi Timber Company Limited (C9022) of Irma, Racecourse Street, Marsa, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and fifty nine Maltese liri and eighteen cents (Lm159.18) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 2198/04JB) is put off to the 16th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 5th May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

966

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-10 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Agius Marble Works Limited (C12292) ta' Valletta Road, l-Imqabba, ippreżentaw Talba fit-8 ta' Ottubru 2003, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Chris Cachia ta' 25B, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ jew 2, Tower Street, il-Qrendi, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf mitejn u wieħed u tletin lira Maltin (Lm1,231) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 2042/03 PBC) hija differita għat-30 ta' Ġunju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum, 9 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 10th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Agius Marble Works Limited (C12292) ta' Valletta Road, Mqabba, filed a claim on the 8th October 2003 whereby they asked the Tribunal to condemn Chris Cachia of 25B, Mdina Road, Żebbuġ or 2 Tower Street, Qrendi, to pay the plaintiff company the sum of one thousand two hundred and thirty one Maltese liri (Lm1,231) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2042/03PBC) is put off to the 30th June 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 9th May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

967

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 330/05 TM, fl-ismijiet Allcare Insurance Agency Limited vs Alliance Malta Limited ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Allcare Insurance Agency Limited (C 8180) ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-13 ta' April 2005, kontra Alliance Malta Limited (C 25896) fejn talbu s-soċjetà konvenut għaliex għar-raġunijiet premessi:

(1) m'għandix dina l-Qorti tagħti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi bla ma tgħaddi għas-smiegħ tal-kawża kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) u

(2) hekk tikkundanna minnufih lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-istess soċjetà attriċi s-somma ta' Lm9698.56,0 imsemmija fiċ-ċitazzjoni kif hemm jingħad.

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kif jingħad fiċ-ċitazzjoni kontra s-soċjetà konvenuta, li r-rappresentanti ġuridiċi tagħha huma inġunti minn issa għas-subizzjoni.

Soċjetà Konvenuta: Alliance Malta Limited
35, Zachary Street, Valletta.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 330/05 TM, fl-ismijiet Allcare Insurance Agency Limited vs Alliance Malta Limited, tinsab appuntata għas-smigħ għal-Ħamis 19 ta' Mejju 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 3rd May 2005, in the records of the Writ of Summons number 330/05 TM, in the names Allcare Insurance Agency Limited vs Alliance Malta Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article187(3) of Chapter 12.

Allcare Insurance Agency Limited (C 8180), filed a writ of summons, in the First Hall Civil Court, on the 13th April 2005, against Alliance Malta Limited (C 25896) whereby they asked the defendant company why for the reasons premised:

(1) this Court should not deliver judgement and uphold the demand of the plaintiff company without proceeding to a hearing of the cause as provided in articles 167-170 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12) and

(2) thus immediately condemn the defendant company to pay the same plaintiff company the sum of Lm9698.56,0 mentioned in the writ of summons as therein stated.

With legal interest and costs, as stated in the writ of summons against the defendant company, whose legal respresentatives are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Defendant Company: Alliance Malta Limited
35, Zachary Street, Valletta.

The cause Writ of Summons Number 330/05 TM, in the names Allcare Insurance Agency Limited vs Alliance Malta Limited, has been appointed for hearing to Thursday 19th May 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th May 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*